**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Soee Malik**

**Illum 28 ta' April 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 524/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Soee Malik, detentur tad-dokument tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija 19T-054 billi huwa akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ta' Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta' parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkongura f'dak is-sens ma xi persuni ohra u l-ghadd ta' persuni mghejjuna, moghtija parir, li sar thabrik dwarhom jew il-mira tal-kongura kif imsemmi qabel,

kien ta' aktar minn tlieta u dan bi ksur tal-Kap. 9 Art. 337A tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghen jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, ghax tahseb, li tkun qieghda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur tal-Kap. 217 Art. 32 (1A) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tmien (8) xhieda kif gej:

Spettur Karl Roberts (*a fol* 20 et. seq.); Yousef Osman Isa (*a fol* 30 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 40 et. seq.); Spettur Karl Roberts (*a fol* 60 et. seq.); WPC 182 Ylenia Xerri (*a fol* 66 et. seq.); Eunice Grech Fiorini (*a fol* 67 et. seq.); Moussa Xuaib (*a fol* 76 et. seq.); Spettur Karl Roberts (*a fol* 88 et. seq.).

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.  Il-Qorti rat li jkollu

interpretazzjoni b'lingwa li jifhem biex isegwi l-proceduri u li jkollu avukat tal-ghajnuna legali tassistih fil-hin kollu tal-process.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Graziella Tanti li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Il-Qorti taqbel mal-Ufficjal Prosekutur li, minkejja kollox, ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt illi l-Liġijiet tal-Immigrazzjoni ta' dan il- pajjiz ġew miksura f'dan il-kaz. L-anqas ma tista' tinsa' li dan it-tip ta' reati sar ħafna iktar komuni tant li sar fenomenu kostanti. U bir-rispett kollu, mhux aċċettabbli li persuni jkomplu jidħlu jew johorgu fit-territorju

nazzjonali b'dokumenti foloz fejn jippruvaw iqarqu bl-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-Istat Malti u dawk barranin.

Għalkemm mhux neċessarjament li huwa hekk f'dan il-każ, fil-prinċipju dawn ir-reati jistgħu jimminaw anke s-sigurta' tal-pajjiż. L-Istat Malti għandu jkollu interess qawwi li jkun jaf sewwasew l-identita' vera ta' min ikun dieħel fil-pajjiż u dan, kif ingħad aktar il-fuq, fost affarijiet oħra, ukoll għal raġunijiet ta' sigurta interna – b'mod partikolari fi żminijiet ta' taqlib, kunflitti u terroriżmu li diversi partijiet tad-dinja, inkluż dawk viċini għal Malta, jinsabu għaddejjin minnhom jew mhedda bihom.

L-esperjenzi ta' pajjiżi oħra (anke fl-Unjoni Ewropeja) li seħħew riċentement, għandhom jiftħu għajnejn kulħadd għar-riskji serji li tali fenomenu t'immigrazzjoni illegali b'dokumenti foloz jista' jġib miegħu għan-nies innoċenti.

Il-Qorti qieset li l-imputat fuq dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur irrizulta li kien qieghed iheggeg u jiffacilita' persuni ohra biex jigu f'pajjizna jakkwistaw dokumenti foloz biex ikunu jistghu jidhlu f'terriroji ohra barranin, li ghandu fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**Decide:**

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 32(1A) u Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah tliet snin u sitt xhur prigunerija.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur Generali tal-Facivilita' Korrettiva ta' Kordin biex jaghti l-ghajnuna medika kollha li hemm bzonn lill-hati.

Fl-ahharnett il-Qorti theggeg lill-Ufficjal Prinicipali tal-Immigrazzjoni li x'hin il-hati jiskonta s-sentenza jimxi ma' dak li jipprovdi l-Att tal-Immigrazzjoni u jirripatrijah lejn il-Gambja, liema pajjiz m'huwiex wiehed minn dawk indikati li persuni gejjin minn hemm jenhtigilhom xi tip ta' protezzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur